



Brussell, 3 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12435/25

CYBER 233
JAI 1188
DATAPROTECT 192
MI 614
CSC 432
CSCI 166
IA 114
TELECOM 280
DELACT 123

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5059 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'29.7.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eskużjoni mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal ċerti prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 5059 final.

Mehmuż: C(2025) 5059 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.7.2025
C(2025) 5059 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'29.7.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' eskużjoni mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal ċerti prodotti
b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru
168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (l-“Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika”) jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tillimita jew teskludi l-applikazzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika għal prodotti b’elementi diġitali li huma koperti minn regoli oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji kollha jew uħud minnhom koperti mir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

Ir-regolament tan-NU Nru 155 dwar iċ-Ċibersigurtà u s-Sistema tal-Ġestjoni taċ-ċibersigurtà² jintroduċi rekwiżiti taċ-ċibersigurtà għall-vetturi bir-roti u l-applikazzjoni tiegħu ssir obbligatorja skont ir-Regolament (UE) 2019/2144³. Għal din ir-raġuni, il-prodotti b’elementi diġitali li għalihom japplika r-Regolament (UE) 2019/2144 ġew esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika mill-koleġiżlaturi.

Ir-Regolament tan-NU Nru 155 issa ġie aġġornat⁴ biex jinkludi l-“vetturi tal-kategorija L”, jīgħiġi firxa wiesħha ta’ tipi ta’ vetturi b’żewġ, tliet u erba’ roti. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... [C(2025) 4842] li jemenda r-Regolament ta’ Delega (UE) 44/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta’ rekwiżiti tekniċi u proċeduri tal-ittestjar fir-rigward tal-protezzjoni tal-vetturi tal-kategorija L kontra l-attakki ċibernetiċi, li se jiġi adottat b’mod parallel ma’ dan l-Att Delegat, jagħmel l-applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 155 obbligatorja għall-approvazzjoni tat-tip ta’ vetturi ġodda mill-11 ta’ Diċembru 2027, id-data tal-applikazzjoni tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika. It-tipi ta’ vetturi eżistenti se jkunu soġġetti għal tali rekwiżiti mill-11 ta’ Ġunju 2029.

Ir-Regolament tan-NU Nru 155 huwa mfassal biex jindirizza r-riskji taċ-ċibersigurtà b’mod li jkun komparabbi mal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, filwaqt li jikseb livell simili ta’ protezzjoni u jiżgura konsistenza mal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip li japplika għall-vetturi tal-kategorija L. Għalhekk, sabiex jiġu evitati rekwiżiti li jikkoinċidu, dan l-Att Delegat jissupplimenta l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika billi jeskludi mill-applikazzjoni tiegħu l-

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2024 dwar irrekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b’elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L 2024/2847, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj>).

² Ir-Regolament Nru 155 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta’ vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà [2021/387] (ĠU L 82, 9.3.2021, p. 30–59).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tal-vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħħom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbi tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1).

⁴ Proposta għas-Suppliment 3 tar-Regolament tan-NU Nru 155 (iċ-Ċibersigurtà u s-Sistema tal-Ġestjoni taċ-ċibersigurtà) kif adottata f’Ġunju mill-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi (WP.29).

prodotti b'elementi diġitali li għalihom japplika r-Regolament (UE) 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

Il-prodotti b'elementi diġitali li huma ċikli ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali li jappartjenu għall-kategorija L1e kif stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (UE) 168/2013 jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għall-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika, peress li r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... [C(2025) 4842] li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri tal-ittestjar fir-rigward tal-protezzjoni tal-vetturi tal-kategorija L kontra l-attakki ċibernetiċi ma jagħmlilx ir-Regolament tan-NU Nru 155 applikabbi għal dawn il-prodotti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Sabiex tħejji dan l-att, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa mal-esperti u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-abbozz tal-att sar disponibbli għall-konsultazzjoni pubblika bejn l-5 ta' Mejju 2025 u t-2 ta' Ġunju 2025. Il-Grupp ta' Esperti dwar iċ-Ċibersigurtà tal-Prodotti b'Elementi Diġitali ġie kkonsultat fl-4 ta' Ġunju 2025.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Is-setgħa li jiġu adottati Atti Delegati hija prevista fl-Artikolu 2(5) tal-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika.

⁵

Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'29.7.2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' esklużjoni mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal ġerti prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(5), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu (2) tar-Regolament (UE) 2024/2847, l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għal prodotti b'elementi diġitali koperti minn regoli oħra tal-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti li jindirizzaw ir-riskji kollha jew uħud minnhom koperti mir-rekwiżiti essenzjali taċ-ċibersigurtà stabbiliti f'dak ir-Regolament tista' tkun limitata jew eskużja meta tali limitazzjoni jew esklużjoni tkun konsistenti mal-qafas regolatorju ġenerali li japplika għal dawk il-prodotti u fejn ir-regoli settorjali jiksbu mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak previst minn dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi r-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli kif ikkategorizzati f'dak ir-Regolament (“vetturi tal-kategorija L”). Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 44/2014³ jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri tal-ittejtjar dettaljati fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-vetturi u r-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 168/2013 u jistabbilixxi lista ta' regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom. Skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 44/2014, ir-regolamenti tal-UNECE u l-emendi tagħhom stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali taċ-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika) (ĠU L 2024/2847, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2847/oj>).

² Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 060, 2.3.2013, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/168/oj>).

³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 44/2014 tal-21 ta' Novembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-vetturi u r-rekwiżiti ġenerali għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 025, 28.1.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/44/oj).

Regolament Delegat għandhom japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorija L.

- (3) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tan-NU Nru 155⁴ ġie estiż biex jinkludi regoli dwar iċ-ċibersigurtà għall-vetturi tal-kategorija L. Għalhekk, ir-Regolament ta' Delega (UE) 44/2014 ġie emdat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) XXXX/XXX⁵ [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġgbok daħħal in-numru ta' C(2025) 4842*] biex jinkludi r-Regolament tan-NU Nru 155 fil-lista tar-regolamenti tal-UNECE li japplikaw fuq bażi obbligatorja stabbilita fl-Anness I ta' dak ir-Regolament Delegat. Madankollu, il-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 ġew eskużi mill-applikazzjoni obbligatorja tar-Regolament tan-NU Nru 155. Ir-Regolament Delegat (UE) XXXX/XXX [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġgbok daħħal in-numru ta' C(2025) 4842*] għandu japplika għat-tipi ġoddha ta' vetturi mill-11 ta' Diċembru 2027 u għat-tipi eżistenti ta' vetturi mill-11 ta' Ġunju 2029.
- (4) Ir-Regolament tan-NU Nru 155 jintroduċi ċerti rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, inkluż dwar it-thaddima ta' sistema ċċertifikata tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà, dwar l-aġġornamenti tas-software, li jkopru l-politiki u l-proċessi tal-organizzazzjonijiet għar-riskji taċ-ċibersigurtà relatati maċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi, tat-tagħmir u tas-servizzi. Jindirizza r-riskji taċ-ċibersigurtà b'mod li huwa komparabbi mar-Regolament (UE) 2024/2487 u jikseb mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament tan-NU Nru 155 jiżgura konsistenza mal-qafas ġenerali tal-approvazzjoni tat-tip li japplika għall-vetturi tal-kategorija L. Konsegwentement, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2847 ma japplikax għal prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, bl-eċċejżjoni tal-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2024/2847 għandha tiġi eskużi mill-ġibnejha ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà, dwar l-aġġornamenti tas-software, li jkopru l-politiki u l-proċessi tal-organizzazzjonijiet għar-riskji taċ-ċibersigurtà relatati maċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi, tat-tagħmir u tas-servizzi. Jindirizza r-riskji taċ-ċibersigurtà b'mod li huwa komparabbi mar-Regolament (UE) 2024/2487 u jikseb mill-inqas l-istess livell ta' protezzjoni bħal dak ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament tan-NU Nru 155 jiżgura konsistenza mal-qafas ġenerali tal-approvazzjoni tat-tip li japplika għall-vetturi tal-kategorija L. Konsegwentement, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2024/2847 ma japplikax għal prodotti b'elementi diġitali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 168/2013, bl-eċċejżjoni tal-vetturi tal-kategorija L1e ddisinjati biex jaħdmu bil-pedali imsemmija fl-Artikolu 3, il-punt (94)(b), tar-Regolament (UE) Nru 168/2013,

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Ir-Regolament tan-NU Nru 155 – Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward taċ-ċibersigurtà u s-sistema tal-ġestjoni taċ-ċibersigurtà [2025/5] (ĠU L, 2025/5, 10.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/5/oj>).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) XXXX/XXX ta' XX XXXX XXXX li jemenda ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 44/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tekniċi u proċeduri tal-ittejtjar fir-rigward tal-protezzjoni tal-vetturi tal-kategorija L kontra l-attakki ċibernetiċi (ĠU L, XXXX/XXX, X.X.XXX, ELI: XXX). [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġgbok daħħal in-numru, id-data tal-adozzjoni u r-referenzi tal-ĠU tad-dokument C(2025) 4842*]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29.7.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*